MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1576/2010

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**K & L Attard Company Limited**
**C-12030**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lis-Socjeta' konvenuta thallas lill-istess Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija sebgha u sittin Ewro u tmien centezmi (€667.08c), rapprezentanti ammont dovut lis-Socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess Socjeta' konvenuta a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (kif jirrizulta minn rendikont anness u mmarkat Dok. A).

Illi s-Socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda din baqghet

inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-llum.

Bl-ispejjez u bl-imghaxi legali mid-data meta l-ammont dovut kien pretiz sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-Socjeta' konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija sebgha u sittin Ewro u tmien centezmi (€667.08c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------